## MINUTI

## GVERN LOKALI TA' XBIEX

IS-SEBA LEĠISLATURA 2013 - 2017

## SEDUTA NUMRU 1

L-ERBGĦA 3 TA' APRIL 2013 FIL-5.30 TA' FILGĦAXIJA

## PREŻENTI

| | |
|---|---|
| MAX ZAMMIT | SINDKU |
| RONALD PORTELLI | VIĊI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |

## TALBA

I

Is-Segretarju Ezekuttiv Paul Pace fetaħ il-laqgħa billi introduca lil Kunsillier l-iktar anzjan Eugenio Muscat sabiex jmexxi l-laqgħa. Is-Sur Muscat fetah il-laqgħa u għamel diskors qasir ta' awgurazzjoni għal din il-legislatura.

**Hatra tas-Sindku**

Wara s-Segretarju Eżekuttiv qara l-isem ta' l-iktar kandidat li gab l-aktar voti mil-partit li ġab il-maġġoranza tal-voti li f'dan il-kaz kien il-Partit Laburista. Għaldaqstant is-Sur Max Zammit ġie rakomandat s-Sindku ta' Ta' Xbiex peress li kien l-kanditat elett li gab l-iktar voti. Is-Sur Max Żammit aċċetta l-kariga ta' Sindku u wara hu ġie maħtur uffiċċjalment s-Sindku ta' Ta' Xbiex hekk kif ingħata l-ġurament mingħand Dr Ian Micallef.

Is-Sindku rringrazja l-Kunsilliera u wera l-appoġġ tiegħu lejn il-Kunsilliera kollha sabiex ilkoll jaħdmu id fid għal lokalita' ta' Ta' xbiex.

**Ħatra Vici Sindku**

Is-Segretarju Eżekuttiv qara it tieni isem ta' l-aktar Kunsillier li gab voti mill-Kunsillieri tal-Partit Laburista li huwa is-Sur-Ronnie Portelli. Is-Sur Ronnie Portelli aċċetta li jkun il-Viċi Sindku u ġie maħtur uffiċċjalment il-Viċi Sindku ta' Ta' Xbiex. Dan ingħata l-ġurament ta' ħatra mingħand Dr Ian Micallef.

Il-Viċi Sindku s-Sur Ronnie Portelli rringrazja wkoll il-Kunsilliera u wera l-appoġġ tieghu lejn il-Kunsilliera kollha sabiex ilkoll jaħdmu id fid għal lokalita' ta' Ta' Xbiex.

Peress li waqt din il-laqgħa kien hemm preżenti wkoll il-Kapillan Patri Wistin ta' Ta' Xbiex. Il-Kapillan għamel talba ta' ringrazzjament f'isem il-Kunsilliera kollha u bierek dawk kollha preżenti.

Il-Laqgħa intemmet fis-7.00pm.

Max Zammit
Sindku

Paul Pace DIP.B.A.(Bus.Mangt),M.B.A
A/Segretarju Eżekuttiv